**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 09/21** | |
| **Data:** | It-Tnejn, 25 ta' Ottubru 2021 |
| **Ħin:** | 5.37pm |
| **Post:** | *Microsoft Teams* \| Covid-19 \| Direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-5:45pm)<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Mis-6:39pm)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier (skużat)<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6.00pm)<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **09.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **09.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **09.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **09.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **09.09** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **09.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **09.07** | **Quarterly Financial Statements;** |
| **09.08** | **Skemi;** |
| **09.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **09.10** | **Mozzjonijiet; u** |
| **09.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**09. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-knusill li s-Sur Baldacchino ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba xogħol. Kopja tal-imejl annessa. | Segretarju Eżekuttiv |

**09. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 08/21 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**09. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2 5 | 08.02.02 | Viċi-Sindku: Bankijiet | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan ix-xogħol li jrid isir. Is-Sindku wieġbet li wara li ġie iċċekjat x'hemm bżonn isir ġie maqbul li dawn għandhom jinbidlu minħabba stat ħażin ħafna li jinsabu fih. | Sindku |
| 09. 2 6 | 08.02.05 | Chircop: *Tourist Guide Book* | Chircop qal li l-guide book tlesta u qed jiġi mqassam. Għandna rispons tajjeb ħafna. Żied ukoll li l-ġimgħa li għaddiet tqassmu lill-istudenti tal-Year 5 u Year 6 il-kotba Skopri Triqat iż-Żejtun kif ukoll lill-staff tal-Iskola Primarja A. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 7 | 08.02.07 | Fenech: Bye-law tal-ħamiem | Fenech staqsiet jekk din ġitx approvata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ġiet approvata. L-AKL qed tagħmel laqgħat mal-kunsilli dwar dan il-proċess. | |
| 09. | 2 | 8 | 08.02.08 | Viċi-Sindku: Sinjali Triq Anton Buttiġieġ | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan ix-xogħol. Is-Sindku qalet li dawn saru. | Sindku |
| 09. | 2 | 9 | 08.02.10 | Viċi-Sindku: Kompetizzjoni Tisjir Żejt iż-Żejtun 2021 | Il-Viċi-Sindku li din il-kompetizzjoni ser tagħlaq fil-31 ta' Ottubru. | Viċi-Sindku |
| 09. | 2 | 10 | 08.02.11 | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li wara pressjoni mal-W.S.C. ingħata l-ewwel saff ta' tarmak f'din it-triq. | Sindku |
| 09. | 2 | 11 | | Viċi-Sindku: Zebra Crossing fi Triq Toni Zahra | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk din hix ser issir. Is-Sindku qalet li ser nerġgħu niċċekjaw peress li l-wisa' tat-triq ma tippermettiex li ssir belishia lights għax tiġi perikoluża. | Sindku |
| 09. | 2 | 12 | 08.02.12 | Sindku: Fondi mill-Era | Is-Sindku qalet li din l-applikazzjoni kienet tinvolvi ħafna xogħol. Bħalissa qed tiġi evalwata. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 2 | 13 | 08.02.13 | Fenech: Van elettriku | Fenech staqsiet fiex waslet l-applikazzjoni u talbet u li ssir tfakkira dwar dan. L-applikazzjoni daħħalniha u jekk tiġi aċċettata ser inkunu qed nagħmlu proġett ieħor fejn nagħtu jogging track lir-residenti ta' madwar kilometru. | Fenech |
| 09. | 2 | 14 | 08.02.14 | Fench: *Bike Racks* | Fenech qalet li issa l-iskejjel primarji A u B huma mgħammra b'bicycle racks. L-Iskola Sekondarja irrifjutat li dawn jitwaħħlu. | Fenech |
| 09. | 2 | 15 | 08.02.15 | Sindku: Toroq | Is-Sindku qalet li t-toroq Beland, Fawstina u Kantur bħalissa inħoloq inkonvenjent peress li l-katusi iridu jsir fuq medda waħda għaldaqstant kellha tingħalaq ukoll Piju X biex issir it-tgħaqqida tal-main. Minħabba li l-art qiegħda fuq il-ħamrija, din ma setgħetx issir pjanċa minħabba l-periklu ta' xi inċident. Il-perit assigura lis-Sindku li x-xogħol kellu jitħaffef. | Sindku |
| 09. | 2 | 16 | 08.02.16 | Sindku: Proġett *Olive Twist* | Is-Sindku qalet li dan il-proġett ġie inawgurat mill-Onorevoli Ministru Ian Borg. Kien hemm il-Perit Rune Bo Jackobsen u rappreżentant tal-MUYA kif ukoll it-tmexxija tal-Skola Primarja B flimkien ma' xi kif ukoll uħud mill-istudenti. L-istedina saret mill-Ministeru. | Sindku |
| 09. | 2 | 17 | 08.03.01 | Sindku: *Resident First* | Is-Sindku qalet li kien hemm laqgħa mal-perit dwar is-sinjali tat-toroq fejn ġie preżentat power point bil-postijiet indikati fejn l-aħjar jitwaħħlu. Fl-1 ta' Novembru ser tiġi ppreżentata link lill-pubbliku sabiex ikunu jistgħu jaċċessawh u jagħtu l-proposti tagħhom. | Sindku |
| 09. | 2 | 18 | 08.03.02 | SindkU: Filmat 3D | Is-Sindku qalet li dan issa huwa lest wara li saru l-korezzjonijiet meħtieġa. | Sindku |
| 09. | 2 | 19 | 08.03.04 | Viċi-Sindku: Warden | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-warden li kien qed jissorvelja l-lokal għadux jiġi. Dan kien b'mod temporanju. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 20 | 08.03.04 | Sindku: Kameras ta' sorveljanza | Is-Sindku qalet li ser jitwaħħlu diversi kameras fosthom fi Triq tal-Ħotba li ser jiġu mħallsa mis-Sur Gary Grech kif ukoll s-Sa Bugeja Ceo tas-Saint James Hospital li ser tissupplixxi d-dawl. Fost dawn il-postijiet hemm Misraħ ir-Reppublika u Triq Alfred Cachia Zammit. Caruana irringrazzja lill-pulizija wara li tnaddaf il-post. Ser jitwaħħlu wkoll kameras fi Ġnien iż-żgħożija li ser ikunu mħallsa mis-Sur Renald Azzopardi. | Sindku |
| 09. | 2 | 21 | 08.03.05 | Fenech: Wifi4EU | Fenech spjegat li dan ix-xogħol fuq diversi żoni issa huwa lest pero baqa' l-aħħar ftit xogħol ta' issetjar minn naħa tal-kumpanija Melita. Issa għandna Wifi f'dawn iż-żoni, Misraħ Girgor Bonici, Misraħ Repubblika, Ġnien iż-Żogħżija, Ġnien il-Kmandant, Ġnien l-Għannejja Żwieten, Misraħ ta' Pizzuta kif ukoll fejn il-Ground taż-Żejtun Corinthians. Qed jiġu studjati jekk hux vijabbli li jsir wifi f'żoni oħra. Il-kunsill ser ikun qed iħallas għad dawl biss. | |
| 09. | 2 | 22 | 08.03.07 | Sindku: Fun Run | Is-Sindku qalet li saret it-tnehdija tal-President Fun Run li ser issir f'kull lokalita' fil-21 ta' Novembru. Il-President George Vella u s-sinjura tiegħu ser ikunu qed jimxu madwar iż-Żejtun. Hemm għan li kull lokalita' minn tal-inqas ikollha mitt parteċipant jew iktar. | Fenech |
| 09. | 2 | 23 | 08.03.08 | Fenech: Tilqima tal-influwenza | Fenech qalet li t-tilqima tal-influwenza ser tingħata mill-Polyclinic ta' Raħal Ġdid. Dawk il-persuni li ma jistawx joħorġu mid-dar ser jiġu kkuntatjati mid-dipartiment. Il-booster tal-Covid-19 qed jingħata mill-berġa taż-Żejtun. | Fenech |
| 09. | 2 | 24 | 08.03.09 | Fenech: Proġetti | Fenech qalet li bħalissa qed tlaqqa' diversi membri minn NGO's żwieten fosthom in-nursery tal-futbol, il-Girl Guides kif ukoll l-Scouts sabiex jattendu għal sezzjonijiet tal-Capoeira li qed isiru De La Salle kull ġimgħa. L-aħħar sezzjoni hija pjanata li ssir fiż-Żejtun fi Ġnien l-Għannejja Żwieten.<br><br>Rigward il-proġett taż-żebbuġ u żejt taż-żebbuġa, ħmistax ilu telgħat il-planning visit ġewwa Sqallija u issa ser ikun qed jitla' grupp ta' żgħażagħ bejn it-8 u s-17 ta' Novembru. Qalet li hemm lok li jsir iktar kuntatti ma' Avola fejn anke jista' jsir ġemellaġ ma' dan il-post.<br><br>Proġett ieħor Let's talk about *** ser ikun qed jibda billi jintbagħtu tlett youth leaders ġewwa Sweden bejn l-20 u s-26 ta' Novembru.<br><br>Ħeġġet biex iktar żgħażagħ jidħlu għal dawn il-proġetti. | Fenech |
| 09. | 2 | 25 | 08.03.11 | Sindku: Proġetti fil-komunita' | Is-Sindku qalet li l-proġett tal-LESA ġie sottomess. Ser inkunu qed napplikaw għall-żewġ vannijiet elttriċi. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 26 | 08.03.13 | Viċi-Sindku: Bozza f'Ta' Ganza | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar fiex wasal dan ix-xogħol mill-Enemalta. Caruana wieġeb li min naħa tal-kunsill saret l-applikazzjoni pero l-Enemalta sabu problema sabiex jilħqu din il-bozza u ser ikollu jintuża sellum. | Caruana Ray |
| 09. | 2 | 27 | 08.03.14 | Viċi-Sindku: Siġra mejta | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan u ser inkunu qed niċċekjaw mal-PA ukoll rigward il-fencing li qed jittella' mal-ħitan. | |
| 09. | 2 | 28 | 08.03.15 | Sindku: Latrini fis-Suq | Is-Sindku qalet li ttieħdet id-deċizzjoni li dawn għandhom jingħalqu peress li hemm ħafna periklu. Wara diversi talbiet, dawn ser jiġu rranġati mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet flimkien mal-art tas-suq li ser issir minn Infrastructure Malta. | Sindku |
| 09. | 2 | 29 | 08.03.17 | Sindku: Tindif ta' Culverts | Is-Sindku qalet li t-tindif sar mill-kuntrattur. Caruana irrimarka li hemm bżonn tindif tal-culverts ta' wara l-knisja kif ukoll parti minnohm għandhom bżonn manutenzjoni. | Sindku |
| 09. | 2 | 30 | 08.06.01 | Fenech: *Queen's Baton Relay* | Fenech qalet li kellna l-unur li nġibu l-*Queen's Baton* fiż-Żejtun fejn it-tfal ħadu ħafna pjaċir foshom bil-preżenza tal-atleta żejtunija Carla Scicluna. Hija ringrazzjat lill-Kumitat Olimpiku Malti. | Fenech |
| 09. | 2 | 31 | 08.06.02 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qal li l-fondi li applikajna għalihom, jekk jiġu aċċettati, ser imorru għall-kunċert, kompetizzjonijiet, wirja tal-presepji kif ukoll għanjiet tal-Milied. | Chircop |
| 09. | 2 | 32 | 08.06.04 | Viċi-Sindku: Workshops ta' Għana | Il-Viċi-Sindku staqsiet kif ser issir s-sejħa sabiex iż-żgħażagħ ikunu nfurmati. | Chircop |
| 09. | 2 | 33 | | Sindku: Żvilupp fi Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mal-perit tal-proġett tal-Homemate dwar l-oġġezzjoni minn naħa tal-kunsill. Dan ma qabilx magħna dwar li semmejna t-tneħħija ta' disa' siġriet. Huwa jixtieq li niltaqgħu mal-iżviluppatur biex dan jiġi ċċarat. Saret ukoll diskussjoni dwar l-istat taċ-ċagħaq li hemm mal-ġnubijiet tal-istess triq u kif ser nippruvaw insibu soluzzjoni għal bankina fuq in-naħa l-oħra tat-triq. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

**09 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/21. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 1 | | Sindku: Memorandum of Understanding | Is-Sindku qalet li fit-8 ta' Ottubru kellha laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Deo Debattista fejn ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* sabiex il-*Cleansing and Maintenance Division* tkun tista' tgħin fit-tindif ta' skart goff u mobile toilets. Dan ser ikun ikopri sal-2023. Ta' dan irringrazzjat lill-Kap Eżekuttiv lill-Kap Eżekuttiv is-Sur Ramon Deguara kif ukoll lill Onor. Deo Debattista. | Sindku |
| 09 | 3 | 2 | | Sindku: Pulizija fil-komunita' | Is-Sindku qalet li tinsab diżappuntata li ż-Żejtun reġa tħalla barra milli jkollu dan is-servizz bżonnjuż. Hija staqsiet dwar dan u r-risposta kienet li l-lokalitajiet qed jintgħażlu fuq kriterji liema kriterji qatt ma ġew ikkomunikati magħna. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 3 | | Sindku: Librerija fil-beraħ | Is-Sindku qalet li l-Perita De Noto għamlet donazzjoni ta' librerija fil-beraħ kif ukoll kotba użati li nxtraw mill-*Island Sanctuary*. Din ser tiġi nstallatha fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Sindku |
| 09 | 3 | 4 | | Sindku: Attivita' b'risq l-Istrina | Is-Sindku ġiet avviċinata mis-Sindku ta' Ħaż Żabbar fejn talabha sabiex flimkien itellgħu nikkoperaw attivita' b'risq l-istrina b'wirja ta' karozzi u trakkijiet fi Triq Ħaż Żabbar peress li hija parti miż-żewġ lokalitajiet. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku |
| 09 | 3 | 5 | | Sindku: Attivita' fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li ġejna avviċinati mis-Sur Noel Zarb sabiex tittella attivita' fi Ġnien l-Għannejja Żwietenbejn is-26 u s-27 ta' Diċembru. Il-prezz għal dan li qed jintgħalab huwa dak ta' €5000 apparti ambulanza u insurance. Dawk li ser jattendu irridu jippreżentaw ċertifikat tal-vaċċin. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku |
| 09 | 3 | 6 | | Sindku: Żvilupp fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Is-Sindku qalet li hemm applikazzjoni għall-Dar tal-Persuni b'Diżabilita' binja fuq erbgħa sulari li qed tiġi proposta f'din it-triq ġo żona ODZ. Bħala Kunsill kien hemm qbil mal-kunċett ta' dan il-proġett iżda ser inkunu qegħdin naraw li kif jistgħu isiru xi emendi fuq il-proposta peress li din qeda fuq art ODZ. | Sindku |
| 09 | 3 | 7 | | Sindku: Tnehdija ta' ktieb | Is-Sindku qalet li ġiet mistiedna mis-Sur Charles Buttiġieġ għat tnehdija tal-ktieb Karamellu tar-Raħal t'Isfel fil-preżenza tal-Ministru għall-Edukazzjoni l-Onor. Justyne Caruana. | Sindku |
| **09.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 4 | 1 | | Caruana Roderick | Caruana ippropona li għandna nsibu triq sabiex tissema għas-Sur Karmenu Delia. Intalab li jgħaddi din bħala mozzjoni. | Caruana Roderick |
| 09. | 4 | 2 | | Viċi-Sindku: *Junction box* | Il-Viċi-Sindku talbet li ssir *junction box* sabiex it-traffiku jimxi aħjar. | Sindku |
| 09. | 4 | 3 | | Viċi-Sindku: Triq Piju X | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm parking bay ta' mutur li għandu jitmexxa. Dwar dan kien hemm qbil. Issemmiet ukoll Triq Mikiel Busuttil dwar sinjali li saru. | Sindku |
| **09.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 5 | 1 | | | Ma kinx hemm iktar xogħlijiet x'jiġu diskussi | |
| **09.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li għandha żewġ attivitajiet waħda għall-Esplora u l-Halloween | Viċi-Sindku |
| 09. | 6. | 2 | | Camilleri: *Life Long Learning* | Camilleri qalet li bħalissa għaddejjien l-lezzjonijiet kull nhar ta' Tlieta u Ħamis. | Camilleri |
| **09.** | **7.** | | | ***Quarterly Financial Statements;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09 7 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-kunsill il-Quarterly Financial Statement għax-xhur Jannar sa Ġunju 2021 fejn wara li ta spjegazzjoni tad-dħul u ħruġ il-kunsill spiċċa b'surplus ta' €93,000. | Segretarju Eżekuttiv |
| **09. 8.** | | **Skemi;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ħadna fondi jew applikajna għalihom għall-pavimentar ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten, LESA funds, Bellus u spazji miftuħa | Sindku |
| **09. 11.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 09/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 11. 3 | | *Petty Cash* - Settembru 2021 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €19.35 | Segretarju Eżekuttiv |
| **09 12** | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 12 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa | |
| **09 13** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:25pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |